MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 688/2004

**Krea (Malta) Limited u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2006 gew mizjuda l-ittra u numru "(C 30172)"**

**Vs**

**Kevin u Silvana konjugi Attard u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2006 gew mizjuda l-kliem u numri "ID 188869(M)" u "ID 18187(M)" rispettivament**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx ikunu kkunannati li jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm1,745) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta in konnessjoni ma' bejgh ta' ghamara.

Bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi relattivi u rispettivi, bl-ispejjez legali, bl-ingunzjoni tal-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-Ligi.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 9 u markati Dok KR1 sa Dok KR8.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 22 tal-istess atti u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi, in linea preliminari, l-eccipjenti jecepixxu illi l-Avviz m'huwiex konformi ma' dak rikjest fl-artikolu 174(2)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi, fil-meritu, l-eccipjenti jecepixxu illi l-pretenzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-oggetti kkonsenjati mis-socjeta' attrici lill-eccipjenti m'humiex tal-kwalita' pattwita u dana hekk kif se jipprova l-istess eccipjenti waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.
3. Illi l-eccipjenti jeccepixxu, minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, illi l-azzjoni attrici hija wahda intempestiva u dana stante illi huma qatt ma gew interpellati halli jhallsu la permezz ta' ittra legali u lanqas permezz ta' ittra gudizzjarja qabel dan l-Avviz. Ghalhekk certament illi huma m'ghandhom ibatu l-ebda spejjez ta' dawn il-proceduri.
4. Salv eccezzjoni ulterjuri hekk kif permessi mill-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 52.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-fatti in esami gew prodotti, oltre d-dokument hawn fuq imsemmija, is-segwenti:-

a) Anthony Sammut, direttur tas-socjeta' attrici spjega illi l-konvenuti kienu xtraw minghand is-socjeta' attrici ghamara ossija 'ghamara tal-kcina kompluta'. Il-pagament relattiv kellu jsir mal-konsenja ta' din l-ghamara. Pero '…. Il-konvenuti ma kienux kuntenti'. u kienu

ilmentaw bir-raguni, dwar grif irqiq u bieba li kienet nieqsa minn ‘ cupboard’. Ghalhekk, mal-konsenja, ma kienx ser il-pagament. Dwar l-istess zewg ilmenti, kien sar dak necessarju sabiex jigu rimedjati izda, xorta wahda, l-konvenut kompla jilmenta. Sussegwentement, wara li kienu saru diversi appuntamenti li, pero, kienu thassru ghax il-konvenut kien indispost, kien hemm konversjoni telefonika bejn il-kontrollur finanzjarju tas-socjeta’ attrici, Franco Sciberras w il-konvenut, meta dan kien allega ‘… illi ahna kellna ntuh xi flus, anzi izjed minn (milli) kellu jaghtina hu’. Kien, hawnhekk, illi cempel lill-konvenut u dan kien qallu li ma kienx kuntent bil-kwalita tax-xoghol u x-xhud assugurah illi kien dispost jaghmel dak kollu ‘… sabiex kollox jigi risolt’. Meta x-xhud kien beda jissikka lill-konvenut sabiex jiltaqa’ ma dan fid-dar tieghu, l-istess konvenut ‘... biddel xi ftit dak illi kien qed jghid’ billi ghamel referenza ghal wiehed, impjegat mas-socjeta’ attrici, certu Christopher Gauci, li mieghu, f’isem is-socjeta’ attrici, kien sar il-ftehim ta’ bejghu tal-ghamara in kwistjoni ‘ u talabni sabiex nirreferi lil Christopher Gauci sabiex nigbor pagament li sar lil dan’. Difatti l-konvenut kien spjega dan billi qal ‘.. illi dan Christopher Gauci kellu jaghti lilu (lill-konvenut) aktar milli hu kellu jaghti lill-kumpanija u ghalhekk talabni sabiex il-pagament tax-xoghol niehdu mis-salarju ta’ l-istess Christopher Gauci’. Difatti dwar dan kien tkellem mal-istess Christopher Gauci dwar x’kien gara bejnu w il-konvenut fl-impjeg tieghu precedenti mad-ditta ‘Price Club’. Fl-ahharnett, dwar il-bieba msemmija, din giet depositata fir-Registru tal-Qorti (fol 32 u fol 42 tal-istess atti). Inoltre hu qal li kien dejjem dispost illi jiltaqa’ mal-konvenut dwar jekk ‘… hemm xi kwalita nieqsa fl-oggetti konsenjati’.

b) Christopher Gauci (fol 30 et seq ibid) spjega li hu kien di gja jaf lill-konvenut qabel ma dan kien gie ghandi sabiex jordna kcina minghand is-socjeta’ attrici. Difatti kien jaf lill-konvenut bhala wiehed li kien jissuplixxi lil ‘Price Club’, ma liema d-ditta x-xhud kien impjegat. Wara li l-konvenut ghamel l-ordni, hu kien hallas ukoll ammont bhala depositu. Wara l-konsenja, ix-xhud spjega illi kien hemm ’kwistjoni zghira’ dwar bieba effettivament mibruxa u, dwar dan is-socjeta’ attrici kienet disposta li timpjazza u ghal dan il-ghan, ingiebet ohra minn barra minn Malta.

Meta gara dan, hu informa lill-konvenut dwar il-wasla tal-istess bieba izda dan kien qal lix-xhud '… li l-flus ma kienx sejjer ihallashom' u 'Taf bizzejjed ghaliex'. Inoltre x-xhud staqsa 'jekk kellux x'jaqsam mal-passat tieghu u qalli iva (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmi <u>Franco Sciberras</u> a fol 34 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u>, meta xehed, (fol 38 u fol 47 et seq ibid) spjega illi hu kien xtara kcina u kamra tas-sodda tat-tfal minghand is-socjeta' attrici. Hu kompla billi qal illi kien jaf lill Christopher Gauci ('nafu ben tajjeb') billi 'kelli problema ma' dan, fuq negozju iehor in konnessjoni ma' flus', liema flus ma kienux thallsu lilu. Dwar l-ghamara in kwistjoni, li kien ra bhala kampjun fix-'showroom', din giet konsenjata lilu '.. pero' mhux kif kont tlabt jien' u '…ma kienetx l-istess'. Difatti skond hu 'in rigward il-kcina l-bibien ma kienux l-istess waqt li l-'bedroom' fi kliemu stess (in rigward ic-'chest of drawers') waqghet bicciet' u kellha s-'sliding doors' li ma kienux allenjati sew. Dwar il-bibien, dawn ma nbidlux. Wara li skadew seba' xhur, kien gie informat illi s-socjeta' attrici kienet qed tistenna '… l-oggetti minn barra', izda kienet ingiebet bieba wahda biss u din '.. twahhlet ma tieghi'. Dwar pagamenti, hu semma illi kien hallas Lm750 '… li kien ikopri kwazi l-pagament tal-kamra tas-sodda kollha kemm hi 'Inoltre masturdaxxa inkarigat minnu stess kien irranga l-gwardarobba w is-'sliding doors' taghha kif ukoll wahhal il-bibien tal-kcina. Il-konvenut, in sostenn ta' dak li xehed esebixxa sbatax-il ritratt (fol 50 ibid) fejn, skond il-konvenut, jidhru d-difetti kollha (a fol 50 ibid) u dan kif di gja deskritti u li jinsabu b'mod aktar dettaljat, imnizlin a fol 47 u fol 48 ibid u dan b'referenza ghall-istess ritratti mehudin meta nbeda dan il-kaz ossija <u>tista' tghid sena wara l-ahhar konsenja</u>. <u>In kontro ezami</u>, hu spjega, li, filfatt, kien ftehem mas-socjeta' attrici '… dwar x'kellhom ibiddlu dwar l-istess difetti allegati minnu. Waqt li cahad li s-socjeta' attrici kienet tikkomunika mieghu u hu kien jaqta' kull darba, kien minnu li ma kienx accetta l-bieba hawn fuq imsemmija peress li aktarx kienet mizbugha, kien minnu illi kien qal lis-socjeta' attrici illi <u>ma kienx ser jhallas xi bilanc dovut</u>

sakemm l-imsemmi Chris Gauci, kif impjegat mas-socjeta' attrici ma kienx ser jhallas lill-konvenut dak kollu pretiz minnu minghand is-socjeta' li maghha qabel kien impjegat u li sfat falluta. Inoltre, hu qatt ma kien kiteb lis-socjeta' attrici dwar l-allegati difetti u xorta wahda dak kollu mixtri minn kien jinsab fid-dar tieghu, avolja 'in parte' ma kienx qed uzah u dwar dan qatt ma ofra sabiex l–istess oggetti jigu ritornati.

Ikkunsidrat.

Illi, fuq ordni tal-Qorti gie prodott il-kontrollur finanzjarju James Hili (fol ) u dan oltre 'statement' esebixxa l-fatturi relattivi ghal kcina u kamra tas-sodda in kwistjoni. Dwar l-fatturi, dak datat s-17 ta' Ottubru 2003, jirreferi ghal kcina kollha waqt li dawk rimanenti jirreferi ghal-kamra tas-sodda u jgibu id-dati bejn it-23 ta' Settembru 2003 u t-18 ta' Novembru 2003.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward it-tieni (2) eccezzjoni kif sottomessa mill-provi kif esposti jidher li l-konvenut, filfatt, qed jopponi t-talba ghal hlas mhux minhabba xi nuqqas fil-kwalita pattwita izda hu motivat unikament minn dak li ntqal fil-konfont ta' Christopher Gauci minhabba li qed jallega illi dan hu debitur tieghu ghax kien impjegat minn socjeta' estranea li falliet. Il-Qorti hi tal-fehma ghalhekk illi, tenut kont ta' dan il-fattur li gie anness mal-istess konvenut, din l-eccezzjoni ma hiex ser tigi akkolta ghax l-istess Qorti hi konvinta illi l-konvenut qed jopponi din it-talba fuq bazi ohra li hu insostenibli, kif hawn fuq spjegat.

Illi in rigward it-tielet (3) eccezzjoni ma nstabet ebda bazi fuq hiex tista' tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkunanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm1745 ossija €4064.76 bl-imghax legali mid-data tal-ahhar konsenja ossija mit-18 ta' Novembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------